MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 507/2000/1

**Gino Camilleri kuratur *ad litem* tal-minuri tewmin Christianne u Charlene ulied Maged Fawzy Mohamed Hussein El Shaer u martu Mary Grace Camilleri konfermat b'digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Marzu 2000.**

**Vs**

**Maged Fawzy Mohamed El Shaer, Mary Grace Camilleri mart l-istess Maged Fawzy Mohamed Hussein El Shaer, Joseph Desira u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi kif jidher mic-certifikati tat-twelid numru 4290 u numru 4291 (Dok A u Dok B) fl-11 ta' Dicembru 1999 twieldu l-atturi minorenni f'liema certifikati huma dikjarati li missierhom huwa l-konvenut Maged Fawzy Mohamed Hussein El Shaer u ommhom l-konvenuta Mary Grace Camilleri li zammet kunjom xbubitha meta izzewget (Dok C);

Premess illi fil-fatt l-istess konvenuta kienet ghal xi zmien qabel it-twelid taghhom separata *de facto* minn zewgha Maged Fawzy Mohamed Hussein El Shaer;

Premess illi l-atturi minorenni twieldu mir-relazzjonijiet li ommhom l-imsemmija konvenuta Mary Grace Camilleri kellha mal-konvenut Joseph Desira li certifikat ta' twelid tieghu qieghed jigi hawn anness u markat Dok D'

Premess illi fil-fatt l-atturi tewmin qeghdin jigu mrobbija minn ommhom flimkien ma' l-istess Joseph Desira u ghalhekk m'ghandhomx stat konformi ma' l-att tat-twelid taghhom;

Premess illi ghalhekk il-prova ta' paternita` li jaghtu l-imsemmija certifikati ta' twelid (Dok A u Dok B) tista' tigi kontestata mill-atturi tewmin minorenni inkwantu li ma jezistix dak l-istat ta' fatt li jikkonfermaw r-rizultanzi naxxenti mill-istess certifikati (Dok A u Dok B);

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi tewmin minorenni huma ulied naturali ta' Joseph Desira u mhux ta' Maged Fawzy Mohamed Hussein El Shaer kif hemm dikjarat fl-imsemmija certifikati markati Dok A u B;

2. Tordna ghalhekk lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikati tat-twelid fuq imsemmija markati Dok A u Dok B fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar il-missier tat-

tarbija billi f'kull certifikat jindika f'dawn il-paragrafi in sostituzzjoni ghal dak li hemm fihom dak kollu li tordnalu din l-istess Onorabbli Qorti u cioe` billi f'kull certifikat tat-twelid ta'l-atturi minuri (a) fil-kolonna dwar "Isem u Kunjom" il-kliem "Maged Fawzy Mohamed Hussein El Shaer" jigu sostitwiti bil-kliem "Joseph Desira" u l-kliem "the said" jigu kancellati (b) fil-kolonna intestata "id-Dokument ta' l-Identita`" minflok is-sinjali *"-/-"* u *"-/"* jitnizzel "20369 Maltese ID Card number" (c) fil-kolonna intestata "Eta`snin" in-numru 28 jigi mibdul ghal "30", (d) fil-kolonna "Fejn twieldu" il-kliem "Sidi Bishr, Alexandria, Egypt" jigu sostitwiti bil-kliem "Pieta, Malta", (e) fil-kolonna intestata "Fejn joqoghdu" il-kliem "Msida, Malta" jigu sostitwit bil-kliem "Zejtun, Malta", (f) fil-kolonna intestata "isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" il-kliem "Fawzy El Shaer (alive)" jigu sostitwiti bil-kliem "John Mary Desira (alive)";

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-atti tat-twelid numri 4290/99 u 4291/99 gew redatti korrettement skond il-ligi u jirriflettu l-istat legittimu tal-minuri fl-epoka tat-twelid;

2. Fil-mertu illi f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni;

3. Illi t-talbiet ta' l-attur *nomine* ghandhom jigu michuda stante li skond l-Artikolu 77 tal-Kap 16 huwa jista' biss jattakka l-paternita` ta' zewg omm il-minuri u mhux jitlob konferma ta' paternita` ta' terz;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success ta' l-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova ta' l-impossibilita` fizika ta'

koabitazzjoni bejn il-konvenuta Mary Grace Camilleri u zewgha Maged Fawzy Mohamed Husein El Shaer fil-perjodi tal-probabbli koncepiment ta’ l-ulied;

5. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghat-talba ghal korrezzjoni fl-atti tat-twelid mertu ta’ din il-kawza huma ghal kollox estranei ghall-esponent, huwa m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-Verbal tad-9 ta’ Ottubru 2000 fejn gie rilevat illi l-konvenut Maged Fawzy Mohamed Hussein El Shaer ghalkemm debitament notifikat ma ghamilx l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet moghti fid-9 ta’ Ottubru 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistant Gudizzjarju Dr. Audrey Demicoli biex tigbor il-provi;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

L-azzjoni hawn proposta mill-minuri tramite ir-rapprezentant taghhom hi intiza biex timpunja l-presunzjoni legali stabbilita mill-Artikolu 67 tal-Kodici Civili li trid li "l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu";

Hi azzjoni miftuha lill-minuri billi kif jinghad fid-decizjoni a **Vol. XXII P I p 177** "*non risulta dalla legge non potere un minore reclamare una paternita` illegittima primacche il marito di sua madre non lo abbia privato della sua paternita` legittima ...";*

Minbarra l-presunzjoni tal-paternita` rijassunta fil-formula "imnissel matul iz-zwieg", il-ligi tissubordina din l-istess presunzjoni ghall-presuppost ulterjuri li l-ulied huma dikjarati bhala legittimi fl-att tat-twelid u t-titolu ta' l-istat taghhom. In effetti l-Artikolu 82(1) tal-Kodici Civili jiddisponi li "hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.";

Tali divjet jidderivi mhux tant mill-pretiza "*favor legittimatis*" daqskemm mill-effikacja preklusiva ta' l-att tat-twelid. Hu ritenut ukoll inamissibbli l-attakk ta' l-istat ta' iben legittimu li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twielid tieghu (subinciz (2) ghall-Artikolu 81). Dan ghaliex il-pussess ta' stat, similment ghall-att ta' twelid, hu prova legali ta' l-istat ta' wild legittimu. Li jfisser illi fejn il-filjazzjoni legittima tkun pruvata bl-att tat-twielid u bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att, "*l'azione di contestazione dello stato di figlio legittimo e` inamissibile*" (**Vol. XXIV P I p 427**). Li jfisser ukoll illi l-ulied ma jkunux jistghu jirreklamaw stat divers minn dak attribwit lilhom fl-att tat-twielid u mill-pussess ta' stat;

Huwa desumibbli minn dan fuq affermat illi fejn l-att tat-twelid jinsab f'kuntrast mar-realta` tar-rapport ta' filjazzjoni, l-impunjattiva hi ammissibbli. Dan in raguni ta' l-interess pubbliku ghall-iskop tac-certezza ta' l-istat familjari kif ukoll fl-interess tal-minuri stess. Ghalhekk ukoll il-ligi tippreciza li l-azzjoni hi impreskrittibbli (Artikolu 84, Kodici Civili);

Huwa logiku illi jekk l-att tat-twelid jikkostitwixxi prova dokumentali, il-pussess ta' stat divers irid jirrizulta minn gabra ta' fatti li jehtieg jigu pruvati. Gabra ta' fatti li fil-kumpless taghhom jiswew u jtendu biex jiddimostraw ir-relazzjoni ta' filjazzjoni u l-parentela bejn il-persuna u l-

familja li ghaliha jippretendi li jappartjeni (Artikolu 80(1), Kap. 16);

In linea generali bhala fatti jridu jikkonkorru s-segwenti: (i) li dejjem gab il-kunjom tal-missier; (ii) li l-missier ikun ittrattah bhala tali u pprovvda ghal manteniment, edukazzjoni u kollokament tieghu; (iii) li kien kostantement rikonoxxut bhala tali fir-rapporti socjali; u (iv) jkun gie maghruf f'din il-kwalita` mill-familja;

Fil-kaz taht konsiderazzjoni jirrizulta illi l-ulied tewmin huma registrati f'Atti tat-Twelid li juru li missierhom hu Maged Fawzy Mohamed Hussein El Shaer (fol. 11 u 12 tal-process). Din il-prova dokumentali manifestament tistabilixxi l-prova tal-paternita` legittima taghhom;

Minn naha l-ohra provi processwali ohrajn juru li l-istess minuri ma ghandhomx pussess ta' stat ta' ulied legittimi konformi ghal dak l-att tat-twelid. Dan hu hekk konfermat mill-Affidavit ta' George Galea (fol. 24) u Mario Desira (fol. 25) u mix-xhieda ta' Gino Camilleri (fol. 30), tal-konvenuta Mary Grace Camilleri (fol. 36) u tal-konvenut Joseph Desira (fol. 37);

Jirrizulta illi l-konvenuta Mary Grace Camilleri, omm it-tewmien, kienet izzewget lir-ragel taghha ta' nazzjonalita` Egizzjana fit-3 ta' Gunju 1997. Dan iz-zwieg jidher li dam biss tliet xhur. Wara li zewgha telaq mid-dar hi bdiet relazzjoni mal-konvenut Joseph Desira. Dan sehh fil-bidu tas-sena 1999. L-ulied twieldu fil-11 ta' Dicembru 1999. Dawn il-fatti jirrizltaw mid-deposizzjonijiet *viva voce* ta' l-imsemmija Mary Grace Camilleri u Joseph Desira fl-udjenza tas-27 ta' Settembru 2001;

Jirrizulta li l-imsemmija partijiet jikkoabitaw flimkien u li l-ulied huma imrobbija minnhom. Kemm din il-konvivenza kif ukoll it-trobbija huma pubblikament maghrufa. Dan mhux biss ma jinsabx kuntrastat talli huwa msahhah mill-istqarrijiet tad-diversi xhieda fuq accennati. Addirittura l-Professur Mark Brincat ikkonferma taht il-firma tieghu b'certifikat rilaxxjat minnu, u esebit a fol. 15 tal-process, illi

waqt il-perjodu tal-gravidanza dawn il-partijiet, l-omm u l-missier naturali, kienu jattendu ghandu flimkien;

Kwantu ghat-tielet eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku dina l-Qorti ma taqbel xejn mar-rilevanza illi ghal kaz japplika l-Artikolu 77 tal-Kodici Civili. Invece ghal kaz japplika l-Artikolu 84. Dan fuq l-iskorta ta' l-insenjament fis-sentenza a **Vol. XXXVI P I p 1** u d-decizjoni ta' din il-Qorti, kif presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet "**Diane Lia noe -vs- Mohamed Melikechi et**", 9 ta' Dicembru 2002, ghal liema qed issir appozita referenza;

Fic-cirkostanzi tal-fattezzi tal-kaz hemm lok ghar-rettifikazzjoni mitluba fic-citazzjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tiddikjara illi l-ulied tewmin Christianne u Charlene, ghal liema jirreferixxu c-Certifikati ta' l-Att tat-Twelid Numri 4290/99 u 4291/99 ma humiex ulied Maged Fawzy Mohamed Hussein El Shaer izda ulied Joseph Desira;

Tordna li fl-imsemmija Att tat-Twelid taghhom taht il-kolonna "Isem u Kunjom" issir il-korrezzjoni opportuna billi l-isem tal-missier "Maged Fawzy Mohamed Hussein El Shaer" jigi sostitwit bil-kliem "Joseph Desira";

Tordna wkoll li jithassru taht il-kolonni l-ohra l-partikolaritajiet relattivi ghall-imsemmi Maged Fawzy Mohamed Hussein El Shaer u invece dawn jigu sostitwiti bil-konnotati relattivi ghal Joseph Desira. Dan fis-sens li taht il-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita`" jitnizzel in-numru "20369 Maltese Identity Card Number", taht il-kolonna "Eta`", "30"; fil-kolonna "Fejn Twieldu", "Pieta`, Malta"; taht il-kolonna "Fejn Joqoghdu", "Zejtun, Malta"; taht il-kolonna "Isem u Kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet", "John Mary Desira (Alive)";

Tordna ukoll li taht il-kolonna "Isem u kunjom" relattiv ghal Mary Grace Camilleri jithassru l-kliem "*the said*" biex

b'hekk din tigi taqra "*Mary Grace Camilleri nee` Camilleri wife of Maged Fawzy Mohamed Hussein El Shaer*".

L-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu a kariku ta' l-attur *nomine*.

---------------------------------TMIEM--------------------------------